MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 139/2013

**A B**

**vs**

**C D E f'isimha proprio u bhala kuratrici ta' bintha l-minuri F E**

**Il-Qorti**

**Preambolu**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur A B pprezentat fid-9 ta' Lulju 2013 li permezz tieghu wara li ippremetta:-

Illi fis-17 ta' Gunju 2013, gewwa l-Isptar St. James Haz-Zabbar, twieldet minuri bl-isem ta' F E mill-konvenuta C D E u missier mhux maghruf, u dan kif jirrizulta minn certifikat tat-twelid;

Illi kif se jigi ppruvat fil-kors tal-kawza, il-minuri F E hija wild naturali ta' l-attur;
Illi l-konvenuta ghamlet dikjarazzjoni falza quddiem ufficjal pubbliku meta ftit jiem wara t-twieldet il-minuri, rregistrat lil bintha fir-Registru Pubbliku ta' Malta b'dan il-mod meta kienet konsapevoli mill-fatt illi missier il-minuri huwa l-attur;
Illi in vista ta' dan, l-attur ipprezenta rapport lill-Pulizija Ezekuttiva kif se jigi pruvat fil-kors tal-kawza;
Illi l-ghan ahhari tal-konvenuta huwa sabiex iccahhad b'mod permanenti lill-attur mill-bint naturali tieghu;
Illi minkejja interpellazzjoni gudizzjarja sabiex il-konvenuta C D E taccetta r-registrazzjoni ta' l-attur bhala missier it-tifla minuri, il-konvenuta baqghet inadempjenti;
Illi l-attur ma baqaghlu l-ebda alternattiva ohra sabiex jirrikonoxxi lil bintu minuri hlief illi jintavola l-proceduri odjerni;
Talab lil din il-Qorti sabiex:
1. Tiddikjara l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri F E;
2. Tordna illi c-certifikat tat-twelid tal-minuri F E jigi korrett fis-sens illi fil-kolonna intestat 'l-isem u kunjom missier it-tarbija, jigu inseriti dawn il-konotati u cioe' A B, store keeper, eta' 20 sena; Karta ta' l-Identita' 224993 (M) bin Joseph u Jacqueline nee' Borg; imwieled Pieta' u residenti Senglea.
Bl-ispejjez kontra l-konvenuta C D E inkluza l-ittra ufficjali tat-3 ta' Lulju 2013.
Rat il-lista tax-xhieda tal-attur u l-elenku tad-dokumenti tal-attur;
Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimata C D E[1] fejn eccepiet is-segwenti:
Illi hija taqbel li fis-17 ta' Gunju 2013 twielditilha tarbija bl-isem ta' F u li ghandha kunjomha u cioe E;
Illi hija ma taqbilx li t-tarbija bl-isem ta' F hija l-wild minuri tar-rikorrenti u dan skont kif jirrizulta mic-certifikat mahrug mill-MLSBioDNA Limited ossia d-DNA Paternity Test Report datat 23 ta' Awwissu 2013 li juri bic-car illi r-rikorrenti mhux il-missier biologiku tat-tarbija fuq imsemmija;

[1] folio 25

Illi in oltre, dawn il-proceduri gew intavolati mir-rikorrenti b'mod vessatorju ghall-ahhar u dan ghas-semplici raguni li r-rikorrenti kien jaf li t-tarbija mhux bintu peress li kien informa lill-eccipjenti li huwa ma setghax ikollu tfal;
Illi l-eccipjenti m'ghandhiex tbati l-ispejjez tal-kawza odjerna ghar-ragunijiet fuq moghtija;
Salv ecezzjonijiet ulterjuri;
Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.
Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta u elenku tad-dokumenti.
Semghat il-provi.
Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.
Ikkunsidrat.

**L-Azzjoni**
Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qieghed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla F E Xuereb li twieldet fis-17 ta' Gunju 2013 u li fl-att tat-twelid taghha bin-numru 3038/2013 giet registrata minn ommha l-konvenuta C D E b’missier mhux maghruf, hija fil-fatt bint l-attur A B.

**Provi**

Jirrizulta mill-provi illi fis-17 ta' Gunju 2013 il-konvenuta C D E weldet tarbija. Fit-3 ta' Lulju, 2013, l-attur, permezz ta' ittra ufficjali, interpella lil C D E sabiex taccetta li hu kien missier it-tarbija li weldet u li jigi registrat fir-Registru Pubbliku bhala missier it-tarbija. Il-konvenuta ma accettatx u fl-4 ta’ Lulju 2013 irregistrat din it-tarbija bl-isem F u bhala b'missier mhux maghruf.
Kien ghalhekk illi l-attur intavola din il-kawza.
B’digriet tat-13 ta' Awwissu 2013 il-Qorti innominat lil Dr Marisa Cassar sabiex tikkonduci testijiet tad-DNA ghall-finijiet li jigi stabbilit jekk l-attur kienx missier il-minuri.
Fl-ewwel rapport xjentifiku maghmul fit-23 ta' Awwissu 2013 gie dikjarat li A B mhux missier il-minuri izda sussegwentement irrizulta li dan ir-rapport kien rizultat ta’ qerq adoperat mill-konvenuta E peress li bil-komplicita’ ta’ omm il-konvenuta u ta’ habiba taghha kienet resqet ghat-test tad-DNA tarbija li ma kinitx taghha filwaqt li l-konvenuta irrifjutat li taghmel it-test tad-DNA.

Il-Qorti ghalhekk ordnat li jittiehdu kampjuni minn fuq il-persuna tal-konvenuta E u ta' bintha b'tali mod li ma jkun hemm ebda dubju li t-tarbija li fuqha jkun qed isir it-test tad-DNA ma tkun hadd iehor hlief bint il-konvenuta E.
Izda anke hawn il-konvenuta E ippruvat terga' tqarraq meta ghat-test tad-DNA minflok marret hi baghtet lil habiba taghha, omm l-ewwel tarbija li fuqha erronjament sar it-test tad-DNA. Dan skoprietu Dr Marisa Cassar u irrapportat lill-Qorti.
Jirrizulta mix-xhieda li tat Dr Marisa Cassar illi l-konvenuta C D E ammettiet maghha li t-tarbija li kienet hadet maghha l-ewwel darba ma kinitx it-tarbija taghha. Wara li saru it-testijiet tad-DNA fuq il-persuna tal-konvenuta C D E u fuq il-minuri F irrizulta minghajr ebda ombra ta' dubju illi effettivament il-minuri F hija bint l-attur.

**Konsiderazzjonijiet**

**L-Agir Abbuziv tal-Konvenuta.**

Il-Qorti ticcensura l-agir abbuziv da parti tal-konvenuta illi ittentat li tfixkel serjament il-process gudizzjarju ta' din il-kawza. Irrizulta fil-kors tal-kawza li l-konvenuta adoperat agir sabiex tipprova tottjeni sentenza mill-Qorti li tmur kontra l-verita'.
Peress li l-agir tal-konvenuta f'dawn il-proceduri jista' jammonta ghal reat kriminali il-Qorti ser tordna li kopja ta' din is-sentenza jigu komunikati lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**L-Azzjoni ta' Paternita'**.
Il-kawza odjerna giet intavolata ai termini tal-**Artikolu 86 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi:
*'It-tifel imnissel u mwieled barra miz-zwieg jista' jigi maghruf mill-missier u mill-omm, sew mit-tnejn flimkien kemm ukoll separatament:*
*Izda meta l-persuna li taghraf ruhha bhala missier it-tifel hija minuri, it-taghrif li taghmel din il-persuna huwa null:*
*Izda wkoll it-taghrif ta' tifel imwieled barra miz-zwieg minn persuna li tghid li tkun missier it-tifel, li jsir separatament mill-omm, ma jkollu ebda effetti u ma jigix registrat kemm-il-darba omm dak it-tifel, jew il-werrieta taghha jekk hija*

*tkun mejta, u t-tifel immifsu jekk ikun lahaq l-eta' , ma jkunux gew notifikati b'ittra ufficjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi hsiebha taplika ghar-registrazzjoni ta' dak it-taghrif u l-omm, jew il-werrieta taghha skont il-kaz, u t-tifel, ma jkunux fi zmien xahrejn minn dik in-notifika permezz ta' nota prezentata fl-atti ta' dik l-ittra ufficjali, qablu li ssir dik ir-registrazzjoni, f'liema kaz dik l-ittra ufficjali u n-nota li turi l-qbil ghandhom jigu notifikati lid-Direttur tar-Registru Pubbliku li ghandu jghaddi biex jirregistra l-imsemmi taghrif fl-atti tal-istat civili relattivi;*

*Izda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-eta' ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-registrazzjoni jew jibqghu ma jwegbux fiz-zmien ta' xahrejn fuq imsemmi, kull min ikollu interess jista' jmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-Qorti tiddikjara li min jaghmel it-taghrif ikun missier it-tifel u tordna r-registrazzjoni ta' dak it-taghrif fl-atti tal-istat civili relattivi."*

Fl-eccezzjonijiet taghha l-konvenuta eccepiet essenzjalment li l-attur mhux missier il-minuri F. Kif spjegat aktar qabel it-test tad-DNA jiccertifika illi l-attur huwa fil-fatt missier il-minuri u ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-konvenuta qed jigu respinti.

Mill-atti jirrizulta li r-rekwiziti rikjesti bl-artikolu 86 fuq citat huma sodisfatti.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta C D Grixi u tilqa' t-talbiet attrici billi:-

1. Tiddikjara li l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri F E;

2. Tilqa’ it-tieni talba u tordna illi c-certifikat tat-twelid tal-minuri F E bin-numru 3038/2013 jigi korrett fis-sens illi fil-kolonna intestat 'l-isem u kunjom missier it-tarbija, jigu kancellati l-kliem “unknown father” u minflok jigu inseriti isem l-attur A B u l-konnotati kollha tieghu kif jirrizultaw f’dawn l-atti u cioe’ store keeper, eta' 20 sena; Karta ta' l-Identita' 224993 (M) bin Joseph u Jacqueline nee' Borg; imwieled Pieta' u residenti Senglea.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-Kummissajru tal-Pulizija a kariku tar-Registratur tal-Qorti sabiex l-agir tal-konvenuta C D E matul dawn il-proceduri jigi investigat skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------